MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Avviz Numru. 155/2004

**Joseph u Mikelina konjugi Said**

**vs**

**John Paul Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija u ghoxrin Lira Maltin (LM3520), bilanc ta' somma akbar ghall-bejgh tal-vettura BMW AAD-702 debitament konsenjata;**

**Bl-ispejjez inkluz ta' ittra bonarja u ta' mandat ta' qbid numru 443/04 kif ukoll imghax legali mid-data meta l-flus kienu dovuti;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' April tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------